32004D0036

L 8/8 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 14.1.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-23 ta' Diċembru 2003**

**li temenda d-Deċiżjoni 97/296/KE li tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjonijiet ta' prodotti mis-sajd huma awtorizzati għall-konsum mill-bniedem fir-rigward tal-Guyana, il-Kenya, is-Serbia u l-Montenegro u l-Eġittu**

*(notifikata taħt dokument numru K(2003) 5007)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2004/36/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet għat-tħejjija, għal perjodu provviżorju, listi provviżorji ta' stabbilimenti ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimal, prodotti mis-sajd jew molluski bivalvi ħajjin ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) u (3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/296/KE tat-22 ta' April 1997 li tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti mis-sajd hija awtorizzata għall-konsum mill-bniedem ([2]) telenka l-pajjiżi u t-territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' prodotti mis-sajd għall-konsum mill-bniedem huma awtorizzati. It-Taqsima I ta' l-Anness li jinsab ma' dik id-Deċiżjoni telenka l-pajjiżi u t-territorji koperti b'Deċiżjoni speċifika taħt id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tniżżel il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mis-sajd ([3]), u t-taqsima II ta' dak l-Anness telenka l-pajjiżi u t-territorji li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 95/408/KE.

(2) Id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2004/40/KE ([4]), 2004/39/KE ([5]), 2004/37/KE ([6]) u 2004/38/KE ([7]) iffissaw kondizzjonijiet speċifiċi ta' importazzjoni għal prodotti mis-sajd li joriġinaw fil-Guyana, l-Kenya, is-Serbia u l-Montenegro u l-Eġittu, rispettivament. Dawn il-pajjiżi għandhom għalhekk jiżdiedu mal-lista fit-taqsima I ta' l-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/296/KE.

(3) Id-Deċiżjoni 97/296/KE għandha għalhekk tiġi hekk emendata.

(4) Din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-istess data tad-Deċiżjonijiet 2004/40/KE u 2004/38/KE fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti mis-sajd mill-Guyana u l-Eġittu.

(5) Fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti mis-sajd mill-Kenya u s-Serbia u l-Montenegro din id-Deċiżjoni għandu jkollha effett mill-istess data tad-Deċiżjonijiet 2004/39/KE u 2004/37/KE.

(6) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 97/296/KE huwa sostitwit bl-Anness li jinsab ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 243, tal-11.10.1995, p. 17; Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).
([2]) ĠU L 122, ta' l-14.5.1997, p. 21, Deċiżjoni kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 2003/764/KE (ĠU L 273, ta' l-24.10.2003, p. 43).
([3]) ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15; Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003.

([4]) Ara paġna 27 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([5]) Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([6]) Ara paġna 12 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
([7]) Ara paġna 17 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mit-28 ta' Frar 2004, fir-rigward ta' l-importazzjonijiet ta' prodotti mis-sajd mill-Kenya u s-Serbia u l-Montenegro.

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mis-17 ta' Jannar 2004, fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' prodotti mis-sajd mill-Guyana u l-Eġittu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*L-ANNESS*

**LISTA TA' PAJJIŻI U TERRITORJI LI MINNHOM L-IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI MIS-SAJD TKUN XI TKUN IL-FORMA TAGĦHOM MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM HIJA AWTORIZZATA**

I. **Pajjiżi u territorji koperti b'Deċiżjoni speċifika taħt id-Direttiva 91/493/KEE**

AE — EMIRATI GĦARAB MAQGĦUDA
AL — ALBANIJA
AN — NETHERLANDS ANTILLES
AR — ARĠENTINA
AU — AWSTRALJA
BD — BANGLADESH
BG — BULGARIJA
BR — BRAŻIL
BZ — BELIZE
CA — KANADA
CH — SVIZZERA
CI — CÔTE D'IVOIRE
CL — CHILE
CN — ĊINA
CO — KOLOMBJA
CR — COSTA RICA
CS — SERBIA u MONTENEGRO (1)
CU — KUBA
CV — CAPE VERDE
CZ — REPUBBLIKA ĊEKA
EC — EKWADOR
EE — ESTONJA
EG — EĠITTU
FK — GŻEJJER FALKLAND
GA — GABON
GH — GANA
GL — GREENLAND
GM — GAMBJA
GN — GINEA
GT — GWATEMALA
GY — GUJANA
HN — ĦONDURAS
HR — KROAZJA
ID — INDONEŻJA
IN — INDJA
IR — IRAN
JM — ĠAMAJKA
JP — ĠAPPUN
KE — KENYA
KR — KOREA TA' ISFEL
KZ — KAZAKHSTAN
LK — SRI LANKA
LT — LITWANJA
LV — LATVJA
MA — MAROKK
MG — MADAGASKAR
MR — MAWRITANJA
MU — MAURITIUS
MV — MALDIVES
MX — MESSIKU
MY — MALASJA
MZ — MOZAMBIQUE
NA — NAMIBIA
NC — NEW CALEDONIA
NG — NIĠERJA
NI — NIKARAGWA
NZ — NEW ZEALAND
OM — OMAN
PA — PANAMA
PE — PERU
PG — PAPUA NEW GUINEA
PH — FILIPPINI
PF — POLYNESIA FRANĊIŻA
PM — ST PIERRE U MIQUELON
PK — PAKISTAN
PL — POLONJA
RU — RUSSJA
SC — SEYCHELLES
SG — SINGAPOR
SI — SLOVENJA
SK — SLOVAKKJA
SN — SENEGAL
SR — SURINAME
TH — TAJLANDJA
TN — TUNESIJA
TR — TURKIJA
TW — TAIWAN
TZ — TANZANIJA
UG — UGANDA
UY — URUGUAY
VE — VENEZUELA
VN — VJETNAM
YE — YEMEN
YT — MAYOTTE
ZA — AFRICA TA' ISFEL

(1) Ma jinkludix il-Kosovo kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Siguraà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

II. **Pajjiżi u territorji li jikkonformaw mat-termini ta' l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 95/408/KE**

AM — ARMENJA ([2])
AO — ANGOLA
AG — ANTIGUA AND BARBUDA ([3])
AZ — AZERBAIJAN ([4])
BJ — BENIN
BS — BAHAMAS
BY — BELARUS
CG — REPUBBLIKA TAL-KONGO ([5])
CM — KAMERUN
CY — ĊIPRU
DZ — ALĠERIJA
ER — ERITREA
FJ — FIJI
GD — GRENADA
HK — HONG KONG
HU — UNGERIJA ([6])
IL — IŻRAEL
MM — MYANMAR
MT — MALTA
RO — RUMANIJA
SB — GŻEJJER SOLOMON
SH — ST HELENA
SV — EL SALVADOR
TG — TOGO
US — L-ISTATI UNITI TA'L-AMERIKA
ZW — ZIMBABWE.

---

([2]) Awtorizzat biss għall-importazzjonijiet ta' gambli ta' l-ilma ħelu ħajjin (Astacus leptodactylus) maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem.
([3]) Awtorizzat biss għall-importazzjonijiet ta' ħut frisk.
([4]) Awtorizzat biss għall-importazzjonijiet ta' kavjar.
([5]) Awtorizzat biss għall-prodotti mis-sajd maqbuda, iffriżati u ppakjati fl-imballaġġ finali tagħhom fuq il-baħar.
([6]) Awatorizzat biss għall-importazzjoni ta' annimali ħajjin maħsuba għall-konsum dirett mill-bniedem.